MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 379/2006

**Maurice Galea (I.D. No. 65635M)**

**Vs**

**Brian Azzopardi (I.D. No. 570284M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tar-rikors guramentat** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottometta illi:

Illi l-attur huwa propjetarju tal-fond 92, Triq il-Kurcifiss, Senglea.

Illi dan il-fond kien mikri lil Carmelo Azzopardi, missier il-konvenut, li miet fis-6 ta’ Awissu, 2004 (vide Dok. ‘A’).

Illi fil-mument tal-mewt tal-imsemmi Carmelo Azzopardi, il-konvenut ibnu ma kienx jghix esklussivament fil-fond 92, Triq il-Kurcifiss, Senglea, u dan kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi ghaldaqstant il-konvenut qieghed jokkupa dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi u l-attur qatt ma rrikonoxxa lill-konvenut bhala aventi ebda titolu fuq il-fond in kwistjoni.

Illi tant hu hekk li l-attur interpella lill-konvenut sabiex jizgombra mill-imsemmi fond u jirrilaxxjaw il-pussess vakant tal-istess a favur tal-attur, u dan kemm verbalment u kif ukoll permezz ta’ zewg (2) ittri ufficjali datati 23 ta’ Marzu, 2005 u 18 ta’ Jannar, 2006 (hawn annessi bhala Doks. ‘B’ u ‘C’).

Illi minkejja dan il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-konvenut huwa responsabbli fil-konfront tal-attur ghall-hlas tad-danni ghall-okkupazzjoni bla titolu tal-fond in kwistjoni, fir-rigward ta’ liema l-attur qieghed minn issa jirrizerva d-drittijiet tieghu kollha skond il-ligi.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja skond il-ligi, tiddikjara illi l-konvenut qieghed jokkupa l-fond 92, Triq il-Kurcifiss, Senglea minghajr ebda titolu validu fil-ligi; u

2. Tordna lill-konvenut sabiex jizgombra u jirrilaxxjaw a favur tal-attur il-pussess vakant tal-imsemmi fond 92, Triq il-Kurcifiss, Senglea fi zmien qasir u perentorju illi jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittri ufficjali datati 23 ta' Marzu, 2005 u 18 ta' Jannar, 2006 u b'riserva ta' kull azzjoni ohra, nkluz dik ghad-danni ghall-okkupazzjoni bla titolu, spettanti lill-attur kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta guramentata ta' l-intimat** a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa :

1. Illi in linea preliminari l-inkompetenza ta' din il-Qorti stante li l-konvenut jivvanta t-titolu ta' kera. F'dan ir-rigward l-esponenti jaghmlu ampja riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Thomas Cauchi et vs Lawrence Caruana deciza fil-Qorti tal-Appell 29 ta' Marzu 1986. Minn hawnhekk jirrizulta illi jekk ikun hemm in vigore lokazzjoni allura l-kompetenza in materia tispetta l-bordijiet specjalizzati u mhux it-tribunali ordinarji.

2. Illi kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors promutur, il-konvenut kien jghix minn ckunitu ma' missieru, hlief ghal xi disa' xhur meta kien mar jghix ma' siehbu, pero' meta kien miet missieru huwa kien qieghed jirrisjedi fil-fond in kwistjoni bhala l-unika residenza tieghu.

Rat in-noti ta' cessjoni tas-sorte tat-8 ta' Ottubru, 2007 u tal-5 ta' Frar, 2008 ;

Fic-cirkostanzi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talbiet tal-atturi ;

Bl-ispejjez ghal konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------